Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019**

**SEDUTA NUMRU 61**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar it-Tnejn 20 ta' Novembru 2023 fil-16.45.

Din il-laqgħa qed issir ukoll online.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Mary Anne Abela | - | Viċi Sindku |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Alexander Chetcuti | - | Kunsillier |
| Matthew Bonello | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsillier P. Fenech talab sabiex jiġi skużat minħabba li kien jinsab indispost.

**Is- Sindku qal it-talba.**

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

**61.1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

61.1.1 Il-Minuti tas-Seduta Nru 60 ġew approvati. Il-Viċi Sindku ipproponiet u l-Kunsillier T. Valentino ssekondat.

**61.2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI**

61.2.1 Il-Kunsillier T.Valentino staqsiet jekk kienx hemm xi progess dwar il-proġett li kien qed iseħħ b'kolloborazzjoni ma' Ambjent Malta. Is-SE infurmat li għalkemm għamlet kuntatt ma' din l-entita' imma għad trid tistenna l-feedback tagħhom. Se tkun qed terġa' tagħmel kuntatt magħhom.

61.2.2 Il-Kunsillier T.Valentino infurmat li –Militiary Wall matul Triq il-Pont (direzzjoni lejn il-Għargħur) qiegħed fi stat perikoluż ħafna u mill-aktar fis hemm bżonn li jittieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa.

61.2.3 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk hux possibli *central strip* li hemm fi żona ta' Victoria Gardens titnaddaf sew mill-ħaxix ħazin mill-ġardinar tal-Kunsill peress li hemm xi residenti li lesti li jikkultivaw din *soft area*. Kien hemm qbil uninanimu dwar dan.

**61.3 RAPPORT MIS-SINDKU**

61.3.1 Is-Sindku ppreżenta rapport tiegħu li se jkun anness ma' dawn il-Minuti – App. A.

61.3.2 F'dan ir-rapport hemm mniżżlin kull laqgħa li s-Sindku attenda minn l-aħħar Seduta sa llum.

61.3.3 Is-Sindku informa li rċieva korrispondenza minngħand resident inkwetat dwar is-sitwazzjoni ta' pjanta li qed tikber b'mod mgħaġġel fil-Wied maġenb Triq il-Pulzier. Dan ir-resident huwa preokkupat minnħabba li din il-pjanta qed tikkaġuna wkoll problemi ta' saħħa lil residenti tal-madwar. Dwar din il-materja, s-Sindku nforma li ġew inotifikati l-ERA.

61.3.4 Rigward Ġnien M. Caruana Curran, is-Sindku nforma li f'dawn l-aħħar jiem inbidlu l-fanali ta' dan il-ġnien. Huwa nforma li sabiex jkunu jistgħu jitkomplew ix-xogħlijiet infrastruturali kemm fuq il-ħajt ( fi Triq il-Ħemel) kif ukoll in-naħa ta' Triq is-Sejjieħ se jkun hemm il-bżonn li jinqalgħu xi siġar ta' Eucalyyptus li hemm f' din l-istess żona. Ġie inutat wkoll li flok dawn is-siġar li qed jagħmlu ħsara konsiderevoli li l-ħitan u l-bankina se jitwaħħlu siġar ta' ċipress. Wara diskuzzjoni fit-tul, ġie deċiż li jsiru kuntatt ma' l-ERA għall-approvazzjoni tagħhom. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

**61.3 RAPPORT MIS-SINDKU – ikompli**

61.3.5 Is-Sindku nforma li flimkien mal-Kunsillier R. Scicluna iltaqgħu ma' residenti minn Triq il-Keffa fejn huwa approvat li ssir pedestrian crossing nhar id-19 t'Ottubru 2023. Is-SE infurmat li saret laqgħa mal-Perit tal-Kunsill dwar din il-materja u tlabna lil TM għall-permessi neċċessarji sabiex jkunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet.

61.3.6 Nhar l-20 t'Ottubru, huwa kien mistieden jipparteċipa f'attivita' organizzata mill-Paroċċa ta' l-Ibraġ fejn fiha spjega x-xogħol tal-Kunsill u x'servizzi jingħataw ta' kuljum mill-Kunsill.

61.3.7 Nahr is-26 t'Ottubru, saret il-laqgħa mal-Community Police fejn ġiet enfazzizat l-importanza li jsiru rondi spissi matul il-lejl ta' Halloween. Is-SE waqt din il-laqgħa fakkret ukoll dwar is-seminar li kien se jiġi organizzat mill-Kunsill b'kolloborazzjoni mal-Caritas dwar l-użu ta' drogi nhar it-30 t'Ottubru.

61.3.8 Is-Sindku nforma li iltaqa' mal-Perit ta' IM kif ukoll mal-kuntrattur responsabli mix-xogħlijiet ta' Triq il-Ħemel nhar is-27 t'Ottubru.

61.3.9 Rigward il-passaġġ ta' bejn Triq il-Ġiebja u Triq Josef Kalleya, is-Sindku nforma li flimkien mal-Perit tal-Kunsill u n-Nutar Dr Fenech iltaqgħu ma' CEO tal-PA nhar il-31 t'Ottubru fejn issa ġie rikjest ukoll li jsiru riċerki wkoll dwar min huma/kienu s-sidien ta' dan il-passaġġ ( fejn li kieku kien ġej it-taraġ).

61.3.10 Nhar il-31 t'Ottubru, is-Sindku flimkien mal-Perit tal-Kunsill iltaqgħu mal-Periti ta' IM dwar il-proġett propost Triq Reġjonali ( ħdejn traffic lights għal Paceville). Għalkemm waqt din il-laqgħa ġew preżentati xi pjanti, jidher li dawn huma m'humiex ffinalizati u għaldaqstant is-Sindku talab sabiex issir konsultazzjoni sħiħa qabel dawn il-pjanti jiġu ffinalizati.

61.3.11 Nhar l-1 ta' Novembru, flimkien mas-SE attenda għal laqgħa li saret mas-Sur Brian Mallia minn naħa tal-Primary Health dwar il-possibilta' li tinfetaħ Berġa tas-Saħħa. Waqt din il-laqgħa ġejna infurmati li minħabba standards ġodda li ġew implimentati wara l-pandemija tal-COVID, hemm bżonn li l-Berġa jkollha bieb ewlieni tagħha u li l-kamra tintuża biss għal dan l-iskop. Għalkemm mhux problema li jkollhom bieb ewlieni għall-użu esklussiv tal-Berġa, il-fatt li din il-kamra ma tistax tintuża għall-skopijiet oħra, tista' tkun problema.

Noel Muscat | Clarissa Buhagiar
Sindku | Segretarju Eżekuttiv

**61.3 RAPPORT MIS-SINDKU – ikompli**

61.3.12 Is-Sindku nforma li flimkien mas-SE kellu laqgħa dwar il-possibilita' li Muscat Motors jirreklemaw l-prodotti tagħhom fi Ġnien M. Caruana Curran. Waqt din il-laqgħa,ġie propost li jintuża l-ħajt ta' clubhouse. Ir-rappreżentanti ta' Muscat Motors se jkunu qed jibgħatulna l-proposti tagħhom.

61.3.13 Rigward il-progress ta' clubhouse saret laqgħa bejn il-Perit tal-Kunsill, il-kuntrattur Simon Sammut u s-SE. Ġie stabilit li sa nhar s-27 ta' Novembru, x-xogħol kollu irrid jiġi ffinalizzat peress li DLG se jkun qed jitlob lura l-fondi kollha marbuta ma' dan il-proġett.

61.3.14 B' referenza għax-xogħlijiet fi Triq il-Miżura minn naħa ta' IM, is-Sindku nforma li skont l-aħħar informazzjoni jidher li dawn ix-xogħlijiet se jitkomplew hekk kif x-xogħlijiet fi Triq Sant Andrija jippermettu dan.

61.3.15 Is-Sindku nforma li qed jkun hemm rikjesti sabiex parti minn Triq il-Għajn (dik li bħalissa qiegħda one-way) ssir two-way. Hu informa li personlament huwa ma jaqbilx li din għandha tinbidel peress li kif inhi bħalissa hija aktar sigurta, hemm numru ta' spazji ta' parkeġġ adekwat u daqs kemm hemm residenti li jixtiequha tinbidel f'two-way hemm oħrajn li jixtiequ ħafna tibqa' kif inhi. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li sa Seduta li jmiss kull Kunsillier jmur fi żona sabiex jifforma opinjoni dwar din il-kwistjoni.

Fuq nota oħra, is-Sindku nforma li wara li IM għamlu sinjali ta' żebgħa fi Triq il-Ħemel, xi residenti xtaqu wkoll li jsiru l-kaxxi sofor quddiem il-garages sabiex kemm jista' jkun ma jkunx hemm min jostokala l-garages tagħhom. Għaldaqstant, riċentament saru wkoll dan il-kaxxi sofor. Minn barra hekk, kien hemm il-bżonn li jsiru wkoll xi kaxxi tal-parkeġġ tal-muturi imma jidher li kien hemm problema ma' residenti partikolari peress li ma riedx akkost ta' kollox dan l-ispazju għal muturi quddiem ir-residenza tiegħu. Il-ħaddiema tal-kuntrattur infurmaw wkoll li dan l-istess resident ma bediex jikkoopera u ma ħallihomx jagħmlu xogħolhom sew u fil-kwiet. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jekk kemm-il darba hemm spazju biżżejjed skont ir-regolamenti ta' traffiku , dan il-parkeġġ għandu jiġi miżbugħ wkoll. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

*Il-Kunsillier T.Valentino talbet sabiex tiġi skużata. Il-ħin kien 18.55.*

**61.4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

Mill-Kunsillier A. Pisani

61.4.1 Il-Kunsillier infurmat li bankina fi Triq il-Faxxina għandha bżonn tiġi msewwija peress li tista' tkun perikoluża. Is-SE infurmat li se tkun qed titlob lil Perit tal-Kunsill għar-rapport tekniku tiegħu.

61.4.2 Hija infurmat wkoll li t-tabelli li jindikaw lis-sewwieqa biex jipparkjaw wiċċhom 'il ġewwa fi Triq Sant Andrija għandhom bżonn jinbildu. Is-SE infurmat li se tkun qed toħroġ Works Order lil kuntrattur responsabli.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**61.4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

61.4.3 Il-Kunsillier staqsa jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar il-possibilita li jiċaqlaq arblu 'il ġewwa. Is-SE infurmat li diġa' intbagħat reminder lil Enemalta dwar dan il-ġimgħa l-oħra. Hu ssuġerixxa wkoll sabiex jekk jista' parti mill-ħajt li hemm wara Triq il-Prekursur jitranġa sabiex jiġi evitat l-periklu. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

61.4.4 Rigward il-possibilita' li jsir pjan ta' immaniġjar ta' traffiku fi żona ta' Triq il-Qantar, huwa staqsa jekk kienx hemm xi żvilluppi. Is-SE infurmat li se tkun qed terġa' tagħmel kuntatt mas-Sur Debono.

61.4.5 Il-Kunsillier staqsa sabiex il-mera li kienet quddiem xi garages fi Triq il-Miżura terġa' tiġi installata kif kienet peress li dawn qed issibuha diffiċli biex jidħlu/joħorġu. Is-SE infurmat li din kienet inqalgħet minħabba x-xogħlijiet li saru minn naħa ta' IM u diġa saret Works Order lil kuntrattur ikkonċernat.

**61.4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

Mill-Kunsillier E. Rossignaud

61.4.6 Il-Kunsillier ippreżenta r-rapport iddetaljat imħejji mill-Perit Valentino dwar il-ħidma kollha li saret rigward il-PA li ġew ippublikati f'dawn l-aħħar 3 xhur. Dan ir-rapport ġie iċċirkulat ma' kull Kunsillier.

61.4.7 Rigward l-*advertising panels* il-Kunsillier staqsa x'se jkunu l-passi li qed jittieħdu minn naħa tal-Kunsill dwar din il-materja. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li l-advertising panels li hemm disponibli jinqasmu bejn dawk interessati skont kif indikat hawn taħt:

- 20 panels lil Garden View, 10 panels lil Frank Salt, 10 panels li vendor ieħor

61.4.8 Il-Kunsillier informa li l-*gate* ta' Ġnien FX Ebejer, reġgħet inkisret. Is-SE infurmat li din se tkun qed ssir tal-ħadid.

61.4.9 Huwa staqsa jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar il-possibilta' li jiżdided timed parking zones fil-lokalita' tas-Swieqi. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li ninfurmaw lil TM li l-Kunsill jixtieq li jżid timed parking scheme f'dawn iż-żoni:

- Triq l-Uqija ( diġa' saret talba uffiċċjali lis-Sur Cohen)
- Triq is-Swieqi
- Triq il-Qasam

61.4.10 Il-Kunsillier informa li wara li s-SE bgħatet iż-żewġ kwotazzjonijiet li l-Kunsill irċieva dwra ix-xiri ta' ta' vettura li taħdem bl-eletriku, huwa mar fi showrooms ta' Peugot u Citroen sabiex jara dawn il-vetturi. Fuq rekkomandazzjoni anke ta' persuni intiżi f'dan is-suġġett, hu ssuġerixxa li l-Kunsill jagħżel Citroen. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is-SE infurmat li se tkun qed tinforma lil DLG dwar din l-għażla.

**61.4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

Mill-Kunsillier R. Scicluna

61.4.11 Il-Kunsillier infurmat li fi Triq l-Għarbiel hemm xi toqob li hemm bżonn jintlew. Is-SE infurmat li se tkun qed tagħmel kuntatt mal-handyman tal-Kunsill dwar dawn.

61.4.12 Hija staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar il-pedestrian crossing fi Triq il-Keffa. Is- SE infurmat li se tkun qed terġa' tagħmel kuntatt ma' TM.

61.4.13 Rigward il-kwistjoni tal-Bitmac, il-Kunsillier infurmat li l-grupp ta' residenti ppoponew li n-Nutar jkun fl-uffiċċju tal-Kunsill sabiex issir l-afidavit. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jinstabu żewġ dati sabiex jsir dan il-proċess.

61.4.14 Il-Kunsillier R. Scicluna staqsiet tlestewx ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-librerija tal-Kunsill. Is-SE infurmat li dawn tlestew u rringrazzjat lil SPI talli approvaw dawn ix-xogħlijiet. Il-Kunsillier staqsiet jekk hux possibli li jerġa' jsir kuntatt mas-Sur Vella sabiex nespoloraw il-possibilta' li din il-librerija tieħu iktar ħajja.Is- SE infurmat li se tagħmel kuntatt miegħu.

61.4.15 Hija staqsiet meta se tkun qed ssir il-bankina fi Triq l-Għamad. Is-SE infurmat li se terġa' tagħmel kuntatt mal-kuntrattur ikkonċernat.

61.4.16 Il-Kunsillier issuġeriet li tiġi ppublikata sejħa għall-voluntiera sabiex jekk dejjem hemm ix-xewqa, persuni li jkunu irtitaw joffru servizzi u l-ħin tagħhom fuq bażi ta' volontarjat lil Kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Il-Kunsillier se tkun qed tipprepara draft ta' din is-sejħa.

61.4.17 Il-Kunsillier infurmat li nhar l-14 ta' Novembru, id-Diretorat ta' l-Animal Welfare informa lil Kunsill li jekk mhux se qed jibgħat d-dokumenti oriġinali ( inkluż l-irċevuti fiskali) sa l-għada, se jittieħdu l-fondi kollha lura li kienu ingħataw lil Kunsill ( madwar 4k) fi snin preċidenti. Dawn il-fondi kienu marbuta ma' l-iskema ta' nueatring u ikel tal-qtates. Is- SE infurmat li l-irċevuti kollha fiskali kienu diġa' ingħataw lil dan id-Direttorat f' Awwissu tas-sena 2022 imma sfortunatament jidher li dawn intilfu minn naħa tagħhom għalhekk li għandna biss huma l-kopji originali tagħhom. Is- SE infurmat wkoll li dwar din id-diffikulta' bgħatet imejl lil Onor. Zerafa Civelli kuf ukoll lil l-Onor. Bugeja Said.

Mill-Viċi Sindku

61.4.18 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk hux se tkun qed tiġi organizzata preżentazzjoni dwar il-proġett ta' Slow Street lil Kunsilliera. Is-Sindku nforma li se jiċċekja dwar dan mal-Perit tal-Kunsill.

61.4.19 Hija ssuġeriet sabiex terġa' ssir l-attivita f' Easter Monday għas-sena dieħla. Kien hemm qbil unanimu li hekk kif joqrob iż-żmien tiġi organizzata din l-attivita' b'kolloborazzjoni ma' Reġjun Lvant.

61.4.20 Rigward il-possibilta' li jiġu installati speed cameras fil-lokalita', il-Viċi Sindku staqsiet jekk hux possibli li napplikaw għal waħda fi Triq il-Madliena ( bejn Triq il-Majjistral u Triq il-Prekursur) , Triq is-Sidra u Triq is-Swieqi ( fi żona ta' JV Pharmacy apparti minn dik fi Triq Sant Andrija hekk kif taqbeż Triq is-Slielem. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

## 61.4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

Mill-Viċi Sindku

61.4.21 Il-Viċi Sindku ssuġeriet li peress li Reġjun Lvant is-sena d-dieħla se jkun ir-Reġjun Kulturali, nistgħu nissuġerixxi li jsiru *guided tours* madwar il-Madliena. Kien hemm qbil unanimu li jiġi infurmat lil Reġjun Lvant dwar din il-possibilta'.

## 61.5 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

61.5.1 Hija infurmat li wieħed minn dawk il-persuni ( Sur N. Scicluna) li ressqu talba tagħhom għal claim ta' tyre u l -Kunsill offrilu nofs l-ispiża, qiegħed jilmenta li jrid rimbors ta' l-ispiża totali. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li din tkun l-aħħar offerta ta' dan il-Kunsill – dik li joffri biss nofs l-ispiza involuta. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 60.6 APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI U ĦLAS IEĦOR

L-iskeda tal-pagamenti nru.52 ġiet approvata minn dawk preżenti. Il-Viċi Sindku pproponiet u l-Kunsillier R.Scicluna ssekondat.

*Din is-seduta spiċċat fit-20.20 u s-Seduta li jmiss hija skedata għal nhar l-4 ta' Diċembru fl-4pm.*

*Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.*

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**SWIEQI LOCAL COUNCIL**

**COUNCIL MEETING 20.11.23**

18.10.23 – Meeting with Mr Pollacco – Triq il Pulzier

Mr Pollacco wanted to inform me about this Invasive plant that is spreading rapidly and enshrining/overpowering other plants and trees in triq il Pulzier. It has literally engulged a very high palm tree. Apparently it may be damaging for ones health.

We have written to ERA about this tree and they have no problem with this tree/plant being removed. The issue is that this plant is in private property. Besides who is going to pay for the costs of its removal ?

19.10.23 – Meeting re zebra crossing in triq il Keffa

Present Councillor Rowena Scicluna and Executive secretary.

The location where to place the zebra crossing in triq il Keffa was identified. Application presented to TM.

20.10.23 – Talk at the Church

I was invited to give a talk about the functions of the local council to residents who gather on a monthly basis at the Church

26.10.23 – Gnien Maurice Caruana Curran - Meeting with the Gardener & Contractor

The retaining wall of the garden on the side of triq il Hemel needs to be replaced due to the fact that the wall is damaged and may collapse. It was noted that the damage has been caused by the roots of the trees that planted all along the said wall. There are about 7 of them. There are two issues. One, once the wall is removed, the trees risk falling over. So as to avoid this risk they need to be tied to some cement planks. However, in all probability the roots will eventually damage the new wall too. The trees are ………… and they are not protected trees. Actually there are harmful to whoever suffers from asthma. We have contacted ERA and there should be no problem with replacing these trees with indigenous trees such as Cypress. I am of the opinion that we should go ahead with replacing these trees and with planting others on the inner side of the garden.

There are another two similar trees on the pavement in triq is Sejjieh. The roots have literally uprooted the pavement and there is no way we could repair the pavement without uprooting these trees. I suggest that we replace these two trees with a larger planter that will house 4 or 5 Cypress trees. Once they grow they will from a nice green wall

26.10.23 – Meeting with the Community Police

27.10.23 – Meeting in triq il Hemel with IM architect and contractor re road works in Triq il Hemel

31.10.23 – meeting at PA re triq il Giebja/Josef Kalleja

Mr Fava & Mr Abela

In attendance Perit Dieter Falzon and Notary Justin Fenech.

The PA officials have now asked for the ownership of the land where the steps were meant to be built !!!

31.10.23 – meeting at IM re projected road works in the vicinity of the Swieqi road tunnels

In attendance councillor Perit Rossignaud.

IM architects briefed us about the plans that are still at draft stage. They were not keen to forward copies of these plans to u.

31.10.23 - - Caritas talk re use & abuse of Synthetic Drugs

Officials from Caritas and an Inspector form the Drug squad gave a very detailed presentation about the various types of drugs, their use, abuse and dangers. They stressed on the dangers of the use of synthetic drugs and they advised how one should deal with users, particularly children. They offered very worrying statistics about children who start experimenting with drugs from a very young age, even from the age of 12 years.

It was a pity that a very few people attended. In my opinion the talk should be repeated in the near future, but we should make sure that more people will attend.

31.10.23 – Halloween

It appears that the police handled the event successfully. I am not aware of any particular incidents.

01.11.23 – meeting re Berga

In attendance the Executive secretary. We met an official from the health department so as to discuss the possibility of reopening the services of the Berga.

We were informed that since Covid they have introduced new regulations and standards. One of these is that the Berga should have an independent doorway. This should not be a problem in that one of the windows could be turned into a door.

What may be an issue is that they would require to make use of both rooms, which means that we may not b in a position to offer certain services any longer or we will need to identify a new location/create new space.

01.11.23 – Meeting with Andrea Mifsud from Muscat Motors

Muscat Motors wish to sponsor the maintenance of Gnien Maurice Caruana Curran in exchange of advertising space. We offered the wall of the new Club House.

06.11.23 – Meeting re Club House

17.11.23 – PA hearing re development in Wied Ghomor ODZ

In attendance , the Executive Secretary and Perit Anton Valentino.

Unfortunately the PA board voted unanimously in favour of the development. We are considering whether we should appeal this decision.

It must be noted that the local councils of San Gwann and St Julians joined forces with our council in opposing this project and they are prepared to support an appeal if sufficient grounds are available.

The three local councils issued a joint press release the day before the hearing informing the public that the 3 local councils were not in favour of this development.

20.11.23 – Talk by the Community Police re Crime Prevention

Community Police organised a talk for residents during which they informed residents on how to prevent and also report crime. The event was well attended.

**OTHER MATTERS**

ROAD WORKS

Triq il Mizura – works from triq tal Franciz to triq il Keffa have been completed. Works from triq il Keffa to triq l-Ibrag have been postponed pending the completion of the road works in St Andrews road.

Triq il Hemel

Works have been completed.

Triq is Sirk/Migbed/Hemel

The second layer of tarmac still needs to be laid in Sirk and Migbed whereas the trench in lower Hemel needs to be resurfaced too.

We have repeatedly asked the contractor when they plan to proceed with the works but they will not commit. Only today a resident informed me that she fell in triq is Sirk and she fractured her ankle.

Triq il Qasam

The surface of triq il Qasam, next to Restyle Café and triq il Qantar is in a terrible and dangerous state. The road is collapsing and major repairs are required. The estimate prepared by Perit Falzon shows that the repairs will cost more than € 100K. we certainly afford this expense and we are trying to source the required funds.

Embellishment works Gnien Maurice Caruana Curran

Lighting – the new lighting system has been installed